MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru 1045/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**JOSEPH CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Caruana bin Joseph u Carmela nee’ Bartolo, imwieled tal-Pieta’ nhar il-31 ta’ Mejju, 1970, residenti fil-fond numru 10, Redentur, Triq San Pietru, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 241 470 (M):

Akkuzat talli nhar il-25 ta’ Awissu, 2005, u fiz-zmien ta’ qabel, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tad-Direttur tal-Licenzji jew tat-Trasport Pubbliku, licenzja tat-triq ta’ vettura u xjentement ghamel uzu minn din il-licenzja b’*particulars* iffalsifki jew imbiddlin, ukoll minn haddiehor,

minghajr il-kunsens tas-sid, u ghamel uzu minn din il-licenzja li fiha indikazzjoni li tista’ tqarraq bix-xerrej, u dan bi ksur tal-Artikolu 398 (b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U kif ukoll talli fl-istess jiem, hin u cirkostanzi, illi bi hsara ta’ haddiehor ghamel qliegh iehor b’qerq, u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U kif ukoll talli nhar il-25 ta’ Awissu, 2005, u fix-xhur ta’ qabel, ghamel uzu minn vettura tal-marka *Peugeot 106* bin-numru tar-registrazzjoni AAE 958 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, biex tintuza fit-triq u b’hekk ma kienx kopert b’polz tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

U kif ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, u fix-xhur ta’ qabel naqas milli jinforma lill-pulizija fi zmien tlett (3) ijiem, bi hwejjeg li sab u li kienu naqsu lil persuni ohra jew li kienu tilfu, u dan bi ksur tal-Artikolu 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikoli 298 (b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 340 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat:

Wara il rat li l-imputat ammetta l- akkuzi kolha hlief it-tielet akkuza, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat Joseph Caruana hati tal-akkuzi wiehed, tnejn u erbgha, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi ma tirrizultax, il-Qorti tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------